# Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)
## Is-surmast li kien maħbub mill-baned Maltin
### Mija u ħamsin sena minn twelidu




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: 150 sena ilu twieled wieħed mis-surmastrijiet l-aktar prolifiċi u versatili li qatt rat id-dinja bandistika ġo pajjiżna. Jagħlaq sninu proprju fl-istess ġurnata illi fiha twieled ir-re tal-opra Taljana, Giuseppe Verdi. Ismu kien magħruf ħafna fil-qasam bandistiku Malti fl-ewwel tliet deċennji tas-seklu li għadda. Qed nirreferi għal ħadd aktar ħlief Mro. Antonio Miruzzi. Għaldaqstant, permezz ta' dal-artiklu, l-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' ta' Ħal Għaxaq qed tissieħeb ma' baned oħrajn biex hi wkoll issellem il-memorja ta' das-surmast li matul ħajtu xerred kemm felaħ it-tagħlim tal-arti mużikali f'pajjiżna.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Mro. Antonio Miruzzi (10.x.1867 – 23.x.1944) twieled il-Furjana minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Għadu tfal, safa ltim u spiċċa f'orfanatrofju l-Belt[1]. Tgħallem it-teorija, il-pjanu u strumenti oħra għand zijuh stess, Mro. Pawlu Miruzzi peress li dan tal-aħħar kien surmast tal-banda 'La Valette' tal-Belt Valletta. Ħafna jsostnu li, hu studja wkoll barra minn xtutna, aktarx fl-Italja[2]. Dan wara li, id-direttur tal-orfanatrofju kien skopra li Antonio kellu ġibda u talent lejn il-mużika. Malli spiċċa mill-istudji mużikali tiegħu, Antonio ried jimxi fuq il-passi ta' zijuh u mal-ewwel ċans li ġieh imbarka fuq vapur navali bħala *bandsman* bil-għan li aktar tard jilħaq *bandmaster*. Ix-xewqa kbira tiegħu kienet li jagħmel karriera fid-direzzjoni u jiġri mad-dinja kollha fuq vapur tan-Nejvi Ingliża. Iżda, meta ra li ma kienx hemm l-ebda sejħa fil-viċin għal *bandmaster* ħalla l-vapur wara biss ftit xhur. Jidher li, fil-frattemp iżżewweġ lil Konċetta, imwielda Cauchi u ftit ftit beda jaħseb biex jibni familja.




Cavatina nell' Opera Attila Variata per Clarinetto miktuba meta kien Tuneż (1895)

Fl-1890, Antonio daħal jaħdem bħala *Maestro Isruttore* tal-allievi li xtaqu jiffurmaw parti mis-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' tal-Belt Valletta b'salarju ta' lira fix-xahar! F'April ta' sena wara, din il-banda Beltija kellha ssiefer biex tagħti xi servizzi ġewwa Tuneż fuq stedina li saritilha mill-Kumitat tal-Kolonja

[1] Skont l-artiklu ta' Mro. Michael Chircop dan ġara fl-1873, i.e. meta hu kellu biss sitt snin.
[2] Skont l-istess artiklu, Miruzzi kien intbagħat jistudja l-Italja ta' 17-il sena, i.e. fl-1884. L-artiklu ma jsemmix il-post fejn mar jistudja.

Maltija. Il-Maltin t'hemmhekk semgħu bih u talbuh biex jgħaqqdilhom banda fuq l-istess mudell ta' baned Maltin. Antonio ried jaqtagħlhom xewqithom u tela' Tuneż flimkien ma' martu wara biss ftit ġranet li kienet saritlu dit-talba. Hemmhekk, hu rnexxielu jifforma dil-għaqda mużikali u huma semmewha *(Filarmonica) Melitensis La Valette* b'sens ta' rispett lejn is-soċjetà Beltija. U f'qasir żmien din il-banda fjorixxiet u bdiet tagħti s-servizzi tagħha, saħansitra f'Malta stess. Fl-istess żmien li hu kien ġej u sejjer Tuneż biex jidderieġi dil-banda Maltija tat-Tuneżija irnexxielu jikseb post bħala surmast-direttur tal-ewwel żewġ baned Maltin, 'La Vincitrice' tal-Isla u 'Leone' tal-Victoria, Għawdex, dejjem grazzi għal zijuh. Ġara iżda li, Konċetta ma setgħet tidra b'xejn it-Tuneżija u għamlet f'qalbha[3]. Minħabba f'hekk, il-koppja ddeċidiet li tinżel lura Malta wara li kien ilha sitt snin tipprova tissetilja biex tgħix hemmhekk. Fuq hekk, Antonio iddeċieda li jibni l-karriera mużikali tiegħu b'mod professjonali mal-baned Maltin.



Maż-żewġ baned li semmejna ma tantx dam. Iżda, mill-1894 'il quddiem nibdew narawh jieħu banda wara l-oħra u li magħhom bena karriera twila ta' 'l fuq minn erbgħin sena. Il-baned u entitajiet mużikali li hu mexxa kienu dawn: '*La Valette*' (Valletta) – magħha dam biss ftit xhur bħala aġent-direttur, '*I Cavalieri di Malta*' (Sliema) – li mbagħad kienet sfaxxat fil-bidu tas-seklu għoxrin, 'San Piju X' (Ħal Lija) – fejn kellu l-inkarigu li l-ewwel jittrasforma s-*Soċjetà Mandolinistika 'Fior d'Arancio'* f'banda formali, Sant' Andrija' (Ħal-Luqa) – hawn ukoll kien indaħal għall-inkarigu, megħjun minn żewġ soċi mużiċisti, biex jerġa' jirriforma l-banda, 'San Ġużepp' (Ħamrun) – l-aktar banda li dam magħha bħala surmast, kif ukoll, il-Banda 'Beland' (Żejtun) – l-aħħar waħda li baqa' magħha sakemm irtira. Baned oħra li kien imexxi huma, is-soċjetajiet filarmoniċi '*Santa Marija*' (Mosta) u '*San Ġorġ*' (Bormla), u dik tal-Orfni tal-Gvern fl-1910 meta kellu diġà 'il fuq minn erbgħin sena. Mhux hekk biss, talli seba' snin wara laħaq ukoll direttur tal-istess orfanatrofju fejn aktar minn erbgħin sena qabel kien qatta' tfulitu ma' tfal iltiema bħalu.




Mużika sagra: Stabat Mater ta' Miruzzi (parti tal-Vjolin prim)

Mro. Antonio Miruzzi kien dħuli u kellu manjieri senjorili, imma waqt il-provi u/jew l-esekuzzjonijiet kien jeżerċita dixxiplina severa. Madankollu, xorta waħda kien ammirat ħafna għall-mod ta' kif kien jgħallem lill-allievi (kien jagħtihom attenzjoni individwali għax bihom kien ikun irid jibni l-futur ta' banda), għad-direzzjoni impekkabbli tiegħu (huwa kellu statura u personalità, speċjalment meta kien ikun qed jidderieġi fuq il-podju), u għall-għadd bla qies ta' xogħlijiet 'żgħar', 'medji' u 'kbar' li huwa ikkompona. Infatti, fost xogħlijietu, fil-biċċa l-kbira tagħhom għall-banda, insibu innijiet għall-banda, popolari, u solenni, kif ukoll, fantasiji, kapriċċi, melodiji, overturi, sinfoniji, u ħafna u ħafna mużika ballabli. M'hawnx bandist li ma daqqx xi danza, galopp, gavotta, kwadrilja, mażurka, *passo doppio*, polka, jew valz minn tiegħu. Kien magħruf ħafna wkoll għall-marċi brijużi fi stil militari li kien jikteb. Il-marċi funebri ma naqsux ukoll mill-pinna tiegħu u li għadhom jindaqqu sal-lum minn bosta baned fil-funerali u fi programmi sagri. Uħud minn xogħlijiet saħansitra ġew ippremjati f'Firenze u Perugia, u oħrajn ġew ippubblikati. Minn tiegħu għandna wkoll xi xogħlijiet sagri, uħud minnhom għal orkestra. Kif jgħid tajjeb Mifsud Matrenza, l-istorjografu ewlieni tal-banda Ġużeppina Ħamruniża, xogħlijietu 'kollha għandhom valur mużikali mill-akbar għax kollha juru xogħol ta' ħila artistika, ta' storja soċjali u reliġjuża, u ta' kultura mużikali.'

---

[3] Skont Grazio Anton Grech, huma ddeċidew li jinżlu lura Malta għal dejjem 'minħabba mard'.



Meta Mro. Miruzzi ħareġ bil-pensjoni fl-1932 huwa baqa' jikkomponi l-mużika xorta waħda. Tant hu hekk li, hu kien jirregala marċ ġdid lill-banda tal-Ħamrun kull sena peress li imbagħad, kienu għamluh konsulent *Ad Vitam*. Għamel xi żmien fil-bidu tat-tletinijiet tas-seklu l-ieħor jikteb il-mużika għall-kanzunetti fuq versi bil-Malti ta' Carlo Satariano u V. Busuttil, fost oħrajn. Il-mużika ballabli minn dejjem kienet għal qalbu ħafna. Kultant kien isib ħin ukoll iqatta' xi siegħa fil-kumpanija ta' ħbiebu fil-każin tal-banda li kien biss tefgħa ta' ġebla 'il bogħod minn fejn kien joqgħod. Sa sena qabel mewtu, kien beda jaħdem fuq opra[4] li sfortunatament il-mewt ma ħallitux jispiċċa. Miet fil-Ħamrun stess fejn kien jgħix u sarlu funeral mill-kbar nett li fih attendiet bosta nies, fosthom rappreżentanti minn diversi għaqdiet, li lkoll ġew biex jagħtu l-aħħar tislima lil dan il-kompożitur prolifiku Malti li ta ħajtu għall-arti anġelika tal-mużika.

Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Għaxqin għal tliet raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp li qed tiġi ċċelebrata ġewwa Ħal Għaxaq; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.



Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[4] Mro. Michael Chircop: 'Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi', In-Nazzjon Tagħna, 26 ta' Jannar 1972. F'dan l-artiklu nsibu intervista li kien għamel lil bint Mro. Antonio Miruzzi.